MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 949/2008

**Stephanie Stellini (ID356085M), Leandra Attard (ID 72487M) u Jamin Roger Farrugia**

**vs**

**Naomi Grima Enriquez (Karta' l-identita numru 130782M)**

**It-Tribunal,**

**Ra** li din il-kawza tirrigwarda kors ta' *hairdressing* li t-tliet atturi hadu minghand il-konvenuta.

## <u>TALBA</u>

**Ra** li l-atturi **<u>talbu</u>** li l-konvenuta ghandha tigi kundannata thallashom €2,886 jew €962 kull wiehed minnhom rapprezentanti hlas li kienu ghamlulha ghal kors ta' *hairdressing* li kien gie reklamat mill-konvenuta li kien certifikat mis-"City and Guilds" mentri l-konvenuta kienet

konxja li ma kellha ebda awtorizazzjoni u permess li l-kors kien hekk certifikat, u dana kif ammettiet il-konvenuta stess ma l-atturi u weghdithom li trodd lura l-flus kollha li kienu hallsu ghal dan il-kors.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid numru (numru mhux indikat – osservazzjoni ta’ dana t-Trinual) u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

## ECCEZZJONIJIET

**Ra** li l-konvenuta **eccipiet** li t-talba kif dedotta hi nfondata billi, apparti l-kwistjoni tac-certifikat, l-atturi attendew regolarment ghal numru ta’ lezzjonijiet – li certament ma jistghux jippretendu li dawn nghataw gratwitament.

Dwar l-allegata ammissjoni tal-esponenti, jigi dikjarat li l-kunsens taghha kien karpit bi vjolenza fit-termini tal-art. 977 *et seq* tal-KAp 16 u hu ghalhekk null u bla ebda effett fil-ligi.

**Ra** li fl-udjenza tal-15 ta’ Mejju 2009 id-difensur tal-konvenuta rtira t-tieni eccezzjoni taghha (a fol 10)

## PROVI

**Ra** x-xhieda tal-atturi li huma hekk:-

A: **Stephanie Stellini** fil-qosor, xehdet hekk:-

Hi saret taf bil-kors u li dan kien iwassal ghas-City and Guilds minn fuq it-Times (Dok SS4) permezz ta’ email u anke b’telefonata mal-konvenuta stess f’liema okkazjoni anke ssemma l-prezz ta’ €962.

Dak iz-zmien l-attrici kienet tahdem bhala Accounts Clerk u riedet dal-kors li beda fl-14 ta’ Jannar 2008 fuq bazi *part time* u hallset €481 depozitu u l-bilanc aktar tard (Dok SS1 u SS2 *a fol* 17 u 18 rispettivament). Il-lezzjonijiet kienet ittihomlhom principalment il-konvenuta u xi lezzjonijiet tawhomlhom ohrajn.

Billi, meta kienu jistaqsuha (kienu 7 studenti) qatt ma tathom data fissa ghall-ezami, beda jidhol is-suspett. Hi cemplet lis-"City and Guilds" barra minn Malta u kkonfermawlha li l-konvenuta qatt ma kienet registrata maghhom. Stante dan it-taghrif huma kienu gharrfu lill-konvenuta li ma riedux jaghmlu ezami jekk mhux dak imsemmi. Konfrontata b'dan, il-konvenuta ammettiet li l-ezami ma kienx tas-"City and Guilds" u rrilaxxat id-Dok SS3, firmat fil-prezenza tal-attrici.

In kontro ezami qalet li meta bdew il-kors ma ffirmawx li kienu ser jiehdu kors li jwassalhom ghas-"City and Guilds" izda dan qalitulhom fuq it-telefon u hemm ir-reklam Dok SS4. Ghal xi 6 xhur (Jannar – Gunju) marru zewg lezzjonijiet u 5 sighat prattika fil-gimgha.

Ri-ezaminata, l-attrici Spiteri qalet li l-konvenuta kienet tathom cekk (il-parti ta' fuq ta' Dok SS2 *a fol 18*) datat 6.11.2008 (li kien *post dated*) u meta marret issarrfu sabet *stop payment*.

B. L-attur **Jamie Farrugia** ikkonferma x-xhieda ta' Stephanie Spiteri u fir-rigward esibixxa sett ta' dokumenti bhala Dok JF komplessivamentm (Dok JF a fol 24 et seq). In kontro ezami qal, li anqas hu ma ffirma karta li l-kors kellu jwassal ghas-"City and Guilds". Hu raga beda jaghmel kors fil-*hairdressing* – kors ta' sentejn, kollox mill-gdid. Min qed imexxi l-kors ghandu jfittex li jigi registrat mas-"City and Guilds". Ri-ezaminat, qal li xtaq kors bhal dan biex ikun jista jiftah hanut ta' *hairdressing*.

C. L-attrici **Leandra Attard** ikkonfermat ix-xhieda ta' Stephanie Spiteri u ta' Jamin Farrugia u esibiet sett ta' dokumenti bhala Dok LA. Esibiet id-Dok LA1 u LA 2 li jikkonfermaw il-kors mill-gdid li kellha tiehu tas-"City and Guilds"

D. **Adriana Farrugia** , omm l-attur Jamie Farrugia prodotta mill-atturi, fis-sustanza qalet l-istess hwejjeg u dana billi hi kienet anke tkelmet, fl-interess ta' binha mal-konvenuta. Kienet, fir-ricerki taghha, kkuntattjat skola ohra u hawn gharrfuha li l-konvenuta ma kienetx

certifikata mas-“City and Guilds”. Hawn qabdet ma Anton Callus tas-“City and Guilds” f’Malta u dan ikkonfermalha n-nuqqas ta’ certifikazzjoni.

E. **Anton Callus**, qal li hu r-rapprezentant f’Malta tas-“City and Guilds”. Il-konvenuta qatt ma kienet registrata bhala centru taghhom f’Malta. Kienu l-atturi li gibdulu l-attenzjoni ghad-Dok SS4. Il-konvenuta qatt ma setghet tircievi applikazzjonijiet minghand studenti biex jiehdu lezzjonijiet minghandha bhala centru akkreditat tas-“City and Guilds”. Din ic-certifikazzjoni tinghata wara li jigi rapprezentant minn barra u jaghmel l-accertamenti mehtiega.

F. Permezz ta’ affidavit (fol 129) il-**konvenuta** qalet li hi ghandha n-Naomi Hairdressing – xoghol li ilha fih 10 snin u semmiet il-kwalifiki taghha.

Fis-Sajf 2007, permezz ta’ avviz fil-gazzetta, nediet il-kors mertu tal-kawza. Fl-Avviz “ghalkemm semma *City and Guilds* jien ridt infisser li s-syllabus kien mehud minn dak li jwassal ghas-*City and Guilds certificate*; cioe li wara li wiehed isegwi dan il-kors, ikun lahaq il-livell rikjest biex jinghata certifikat”. Ghamlet 53 sessjoni u lill-istudenti kienet tathom *hairdressing bag, electric blower, zewg brushes, cape,* mqassijiet, *clips*, *bowl, colouring brushes, 3 shampoos, conditioner* u kotba – apparti li waqt il-kors kienu juzaw oggetti taghha. Tathom b’kemm jiswa €524.10 kull wiehed. Il-kors organizzatu biex takkwista esperjenza u mhux ghall-profitt. Segwiet lill-istudenti waqt il-kors u kien facli ghalihom li wara jottienu c-certifikat.

Tqis li, minhabba dak li semmiet l-atturi m’ghandhom jiehdu lura l-flus kollha li hallsu tal-kors.

In kontro-ezami l-konvenuta qalet li ghandha certifikat tal-*Hairdressing* u fl-udjenza tat-12 ta’ Mejju 2010 kienet ghadha m’ottenietx ic-certifikat. Lill-istudenti kienet qaltilhom li l-kors kien mehud mis-sillabus tas-“City and Guilds”. L-istudenti waqqfu l-lezzjonijiet fl-ahhar xhur. Fuq rapport li ghamlet omm l-attur Jamie Farrugia lis-“City and Guilds” waqqfuha milli tkompli tati l-kors.

L-oggetti li tat lill-istudenti hallset ghalihom u ma kienux sponsorizzati. Ma talbitx lura dawn li oggetti u meta tathomlhom qaltilhom li kienu koperti fl-ispejjes tal-kors.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**It-Tribunal** ikkonsidra kif gej:-

1. Jirrizulta li kollox beda billi l-konvenuta xandret kors fis-Sunday Times tal-21 ta' Ottubru 2007 (ara Dok SS4) li jghid hekk:-
**ARE YOU** into styles and love hair? Do you want to become a hairdresser? We offer City and Guilds certified courses starting on 12th November 2007. Place is central so phone on 21499461 for more information.

2. Ghal dan l-avviz wiegbu, fost ohrajn, it-tliet atturi li kellmu lill-konvenuta li tenniet dak kontenut fl-avviz.

3. L-atturi hallsu €962 kull wiehed ghall-kors.

4. Saru ghadd ta' lezzjonijiet, teorija u prattika u l-konvenuta ssuplixxiet lill-konvenuti b'ghadd ta' ghodod ecc mehtiega ghall-kors.

5. L-atturi skoprew, wara kuntatt ma City and Guilds li l-konvenuta ma kellha ebda awtorizzazzjoni li titkellem ghal "City and Guilds" u tohrog certifikat fir-rigward.

6. Anton Callus, rapprezentant lokali tas-"City and Guilds" (il-konvenuta ma kkontestatx dan) qal li l-konvenuta qatt ma kienet registrata bhala centru ghas-"City and Guilds" f'Malta u qatt ma setghet taghti lezzjonijiet bhala centru akkreditat.

7. Il-konvenuta raddet lura b'cekk lill-atturi l-ammont originarament imhallas minnhom, cekk *post-dated* li meta gie prezentat biex jissarraf, sabuh imblukkat. Fl-okkazjoni tal-konsenja tac-cekk, il-konvenuta kienet ffirmat dikjarazzjoni li tghid li taccetta li l-kors kien moghti "under the guidelines and certification of City and Guilds when

this was not the case as I am not and never was a registered tutor with City and Guilds to give such courses".

8. Il-konvenuta qalet li l-affarijiet li tat lill-istudenti, bhala parti mill-hlas li ghamlu ghall-kors, kienu jiswew €524.10. Dawn ghandhom ihallsuha taghhom.

**It-Tribunal** wara li jqis dak li ssottomettew id-difensuri u meta jaghrbel dan kollu jara li rrizulta li kollox beda mill-avviz li deher fil-harga tas-Sunday Times tal-21 ta' Ottubru 2007. Avviz li jgieghlek tifhem li l-konvenuta kienet qed tniedi kors bhala wahda certifikata mis-"City and Guilds" meta dan ma kien minnu xejn. Il-kliem tal-avviz hu car u meta hu hekk wiehed ma jistax hlief jifhmu kif mistenni minn qarrej ordinarju bla ebda tigbid u qari bejn il-linji ta' xejn.

Irrizulta li l-atturi hallsu ta' kors li waqt il-kuntatti mal-konvenuta baqghu jemmnu li kienu qed jiehdu kors genwin fis-sens ta' kors minn centru certifikat kif imfisser. Illum l-istess konvenuta tammetti li dan ma kienx minnu u dan hu mwettaq minn Anton Callus rapprezentant lokali tas-"City and Guilds". Fil-fatt l-atturi skoprew **huma** dan kollu mill-kuntatt li ghamlu mas-"City and Guilds" ghax minn naha tal-konvenuti baqghet ghaddejja bil-pretenzjoni inveritiera taghha. Mhux ta' b'xejn li rrifaccjata bil-fatti, il-konvenuta rrifondiet (taparsi) il-hlas lil kull wiehed mit-tliet atturi permezz ta' cekk *post dated* li meta gie pprezentat ghalbiex jissarraf ma giex onorat. Hawn ghandna storja u atmosfera ta' qerq, frodi, sa mill-bidunett u *fraus omnia corrumpit* u mhux il-kaz ta' xi arrikkament indebitu minn naha tal-atturi li jisthoqqlu jittiehed f'kont.

Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenuta ghandha tigi kundannata thallas lura, lil kull wiehed mit-tliet atturi dak li originarjament hallsuha.

**Decizjoni**

**It-Tribunal** in vista ta' dak kollu imfisser, jiddeciedi billi:-

1. Jikkundanna lill-konvenuta biex thallas is-somma ta’ disa mija u tnejn u sittin Ewro (€962) lil kull wiehed mill-atturi.
2. Jikkundanna wkoll lill-konvenuta li thallas l-imghax fuq kull *quantum* mid-data tan-notifika ta’ dawn il-proceduri sal-jum tal-pagament effettiv.
3. Jikkundannaha wkoll thallas l-ispejjes ta’ dina l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------